

32002R0563

L 86/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.4.2002

IR-REGOLMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 563/2002

tat-2 ta' April 2002

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 li jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-kontaminanti fl-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 315/93 jipprovd il-ħalli jiddu jidher jidher kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 472/2002⁽²⁾, jaapplika mill-5 ta' April 2002, billi jieħu l-post tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 194/97 tal-31 ta' Jannar 1997 li jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel⁽⁴⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 864/1999⁽⁵⁾, li jiffissa l-livelli massimi għan-nitrat fil-ħass u l-ispinaċi.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 455/2001⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 472/2002⁽²⁾, jaapplika mill-5 ta' April 2002, billi jieħu l-post tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 194/97 tal-31 ta' Jannar 1997 li jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel⁽⁴⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 864/1999⁽⁵⁾, li jiffissa l-livelli massimi għan-nitrat fil-ħass u l-ispinaċi.
- (3) L-Istati Membri huma meħtieġa li jikkomunikaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tagħhom u jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda u l-progress rigward l-applikazzjoni tal-kodiċijiet tal-prattika t-tajba tal-biedja sabiex inaqqsu l-livelli tan-nitrat. Bl-użu ta' dan it-tagħrif il-Kummissjoni għandha tip-proċedi kull tliet snin, u għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2002, li tirrevedi l-livelli massimi għan-nitrat fil-ħass u fl-ispinaċi, bil-mira ġenerali li jitnaqqsu l-livelli msemmija.
- (4) L-informazzjoni ta' kull sena tal-monitoraġġ mill-Istati Membri juri tnaqqis fil-livelli tan-nitrat fil-ħass. Jistgħu jinkisbu livelli massimi iktar baxxi għal ċerti kategoriji ta' ħass imsejsa fuq prattiċi tajba tal-biedja. Fuħud mir-reġjuni jiġi rrappurtati livelli tan-nitrat spiss oħla minn dawk iffissati fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 466/2001, għalkemm ix-xejra ġenerali turi illi l-livelli tan-nitrat fil-ħass qegħdin

jonqsu. Il-livelli tan-nitratil fl-ispinaċi ma juru l-ebda xejra ċara ta' tnaqqis. Għall-ħass dan il-perijodu transitorju taż-żmien għandu jkollu l-limitu taż-żmien, imma għall-ispinaċi għadha ma tistax titbassar data tat-tmiem.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 għandu jiġi emendat kif jixraq.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri jistgħu, meta ggūstifikat, jawtorizzaw għal perijodu transitorju ta' żmien it-tqegħid fis-suq tal-ħass frisk u l-ispinaċi friska, imkabbra u maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom, b'livelli ta' nitrat oħla minn dawk iffissati bħala livelli massimi fil-punti 1.1, 1.3 u 1.4 ta' l-Anness sakemm jiġi applikati l-kodiċijiet tal-prattika t-tajba tal-biedja sabiex jinkseb progress bil-mod lejn il-livelli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-perijodu transitorju ta' żmien:

- (a) rigward il-ħass, għandu jtemm fl-1 ta' Jannar 2005;
- (b) rigward l-ispinaċi, għandu jiġi rrivedut mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni kull sena dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-ewwel subparagrafu.”

2. It-Taqsima 1 ta' l-Anness I hija mibdula bit-test fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 37, tat-13.2.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 77, taa-16.3.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 75, tas-16.3.2002, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 31, ta' l-1.2.1997, p. 48.

⁽⁵⁾ ĠU L 108, tas-27.4.1999, p. 16.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' April 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

It-Taqsimha 1 ta' l-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 466/2001 li tirrigwarda n-nitrat għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

Prodott	Livell massimu (mg NO ₃ /kg)	Metodu tat-teħid tal-kampjuni	Referenza tal-metodu ta' l-analiżi
"1.1. L-Ispinaċi friska (¹) (<i>Spinacia oleracea</i>)	Maqlugħha mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu Maqlugħha mill-1 ta' April sal-31 ta' Ottobru	3 000 2 500	Id-Direttiva 79/700/KEE (²) tal-Kummissjoni
1.2. L-Ispinaċi, ippriservata, iffriżata <i>deep-frozen</i> jew iffriżata		2 000	Id-Direttiva 79/700/KEE
1.3. Il-Ħass frisk (<i>Lactuca sativa L.</i>) (il-ħass protett u imkabbar fl-apert) għajr il-ħass elenkat fil-punt (1.4).	Maqlugħ mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu: – ħass imkabbar taħt il-għata – imkabbar fl-apert Maqlugħ mill-1 ta' April sal-31 ta' Settembru: – ħass imkabbar taħt il-għata – ħass imkabbar fl-apert	4 500 (³) 4 000 (³) 3 500 (³) 2 500 (³)	Id-Direttiva 79/700/KEE. Madankollu, in-numru minimu ta' unitajiet skond il-kampjun tal-laboratorju huwa 10.
1.4. Il-ħass tat-tip 'Iceberg' (⁴)	Ħass imkabbar taħt il-għata Ħass imkabbar fl-apert	2 500 (³) 2 000 (³)	Id-Direttiva 79/700/KEE. Madankollu, in-numru minimu ta' unitajiet skond il-kampjun tal-laboratorju huwa 10

(¹) Il-livelli massimi għall-ispanači friska ma jaapplikawx għall-ispanači friska li trid tiġi ssogġettata għall-ipproċessar u li hija trasportata direttament mill-għalqa għall-impjant ta' l-ipproċessar.

(²) ĠU L 207, tal-15.8.1979, p. 26.

(³) Fl-assenza ta' ttikkettjar xieraq, b'tikketti li jindikaw il-metodu tal-produzzjoni, jaapplika l-livell stabbilit għall-ħass imkabbar fl-apert.

(⁴) Deskrift fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2001 tas-27 ta' Lulju 2001, li jistabbilixxi l-i standard tal-marketing għall-ħass u l-indivja tal-werqa mfdewwa u tal-werqa wiesha (Batavjana) (ĠU L 203, tat-28.7.2001, p. 9)."